

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: X. Lewis, J. Guillem Carrau u P. Aalto, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE intiża għall-kisba ta' miżuri provviżorji dwar il-proċedura għar-reġistrazzjoni tal-ġobon imsejjaħ "halloumi/hellim" bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta taħt ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2012, dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, p. 1).

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Diċembru 2015 – Bittorrent Marketing vs EUIPO – BitTorrent (bittorrent)

(Kawża T-771/15)

(2016/C 191/46)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Bittorrent Marketing GmbH (Neu-Isenburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Hoppe, avukat)

Konvenut: L Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: BitTorrent, Inc. (San Francisco, California, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali "bittorrent" Trade mark Komunitarja Nru 3 216 439

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' revoka

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Awwissu 2015 fil-Każ R 2275/2013-5

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba għal revoka ta' BitTorrent, Inc. fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell;

— tikkundanna lill-EUIPO u lil BitTorrent, Inc. għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

Motivi invokati

- Ksur tal-ewwel frażi tal-Artikolu 76(1) u ksur tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2016 – Isdin vs EUIPO – Spirig Pharma (ERYFOTONA ACTINICA)**(Kawża T-117/16)**

(2016/C 191/47)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Isdin, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: G. Macías Bonilla, P. López Ronda, G. Marín Raigal u E. Armero, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Spirig Pharma AG (Egerkingen, l-Isvizzera)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem il-EUIPO

Applikant għat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni “ERYFOTONA ACTINICA” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 853 116

Proċedimenti quddiem il-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Jannar 2016 fil-Każ R 1387/2015-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u, jekk ikun il-każ, lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż essenzjali sostnuti fil-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u l-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motivi invokati

- Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li ma tissospendix il-proċedimenti tikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni, abbuż ta' poter u ksur tar-Regola 20(7) flimkien mar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95, tar-Regola 52(1) tar-Regolament Nru 2868/95, tal-Artikoli 75, 76(1) u 99(1) tar-Regolament Nru 207/2009 u ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba;
 - Sussidjarjament, ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
-